**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 162/21VG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**(Spettur Michael Vella)**

**Vs**

**Christian Said**

**Illum 6 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront ta' Christian Said, ta' sebgħa u tletin (37) sena, iben Michael Said u Emanuel Said, xebba Sciberras, imwieled il-Pietà nhar is-17 ta' Mejju 1983, residenti 30, Blk A1, Fl2, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 103884(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar is-17 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħodu (10:15hrs) minn ġewwa Vjal Nelson, Floriana, u/jew ġewwa l-viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus, dokumenti u/jew oġġetti oħra minn vettura ta' l-għamla Toyota Toyace, b'numru ta' reġistrazzjoni FTS001, liema serq huwa aggravat bil-mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Luke Orsini u/jew persuni oħra;
2. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) minn ġewwa Triq Mikiel Calleja, Tarxien, ikkommetta serq ta' nuċċali u/jew oġġetti oħra, minn vettura ta' l-għamla Ssang Yong, b'numru ta' reġistrazzjoni FRG155, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Terence Ciantar u/jew persuni oħra;

[1] Fol. 63 u 64 tal-proċess.

3. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (23:45hrs) minn ġewwa Triq Kent, Fgura, bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura ta' l-għamla Ford Transit, b'numru ta' reġistrazzjoni HBP548, wera b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misrqua u dan għad-detriment ta' Paul Previ u/jew ta' persuni oħra;
4. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (23:45hrs) minn ġewwa Triq Kent, Fgura, bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura ta' l-għamla Toyota Hi Ace, b'numru ta' reġistrazzjoni HVY024, wera b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' Paul Previ u/jew ta' persuni oħra;

U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija:

5. Kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D., b'Digriet mogħti nhar it-8 ta' Marzu 2021, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest;
6. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-pleġġ, ossia garanti, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Christian Said u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn, bid-Digriet iktar 'l fuq imsemmi, kien ingħata il-ħelsien mill-arrest kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Christian Said għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 67 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021[3], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

[2] Fol. 68 tal-proċess;
[3] Vide verbal tas-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021, fol. 187 tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "SZ1" sa' Dok. "SZ7" a fol. 6 sa' 25 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 17 ta' Mejju 2021, ġie nominat John Sacco bħala Espert Tekniku sabiex joħroġ l-istills rilevanti għal dan il-każ mill-filmati fuq is-CDs esebiti bħala Dok. "MC1" u Dok. "JPZ2";

Semgħet ix-xhieda ta' PC195 Melvin Calleja mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2021[4] u rat id-dokumenti, ossia CD u stills, esebiti minnu bħala Dok. "MC1" u Dok. "MC2" a fol. 33 sa' 35 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' Marzu 2021[5] u ta' l-1 ta' Ġunju 2021[6] u rat id-dokument, ossia estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat, esebit minnu markat Dok. "PCX" a fol. 130 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' April 2021[7] u tas-17 ta' Mejju 2021[8] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SZY1" sa' Dok. "SZY6" a fol. 114 sa' 119 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Michael Vella mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MV1" u Dok. "MV2" a fol. 69 sa' 71 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Paul Previ mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021[10] u x-xhieda ta' Luke Orsini[11], Stephen Cachia[12], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u PS 39 Jean Paul Zahra[13] lkoll mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, markat Dok. "SC" a fol. 89 sa' 96 tal-proċess u rat id-dokumenti esebiti minn PS 39 Jean Paul Zahra markati Dok. "JPZ1" sa' Dok. "JPZ7" a fol. 100 sa' 110 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Terence Ciantar mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2021[14] u x-xhieda ta' PS 1396 Sergio Farrugia mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021[15], semgħet ix-xhieda ta' Franklin Calleja[16], Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, u ta' l-Espert Tekniku John Sacco entrambe[17] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Ġunju 2021 u rat id-dokumenti esebiti minn Franklin Calleja markati Dok. "FC1" u Dok. "FC2" a fol. 144 sa' 152 tal-proċess u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku markata Dok. "JS" a fol. 155 sa' 176 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena wara li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li l-imputat tenna l-ammissjoni tiegħu waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2021;

---

[4] Fol. 30 sa' 32 tal-proċess.
[5] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
[6] Fol. 129 tal-proċess.
[7] Fol. 72 sa' 74 tal-proċess.
[8] Fol. 112 u 113 tal-proċess.
[9] Fol. 75 u 76 tal-proċess.
[10] Fol. 77 sa' 79 tal-proċess.
[11] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[12] Fol. 87 u 88 tal-proċess.
[13] Fol. 97 sa' 99 tal-proċess.
[14] Fol. 127 u 128 tal-proċess.
[15] Fol. 132 u 133 tal-proċess.
[16] Fol. 142 u 143 tal-proċess.
[17] Fol. 153 u 154 tal-proċess.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin minn, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) nhar is-17 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħodu (10:15hrs) minn ġewwa Vjal Nelson, Floriana, u/jew ġewwa l-viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus, dokumenti u/jew oġġetti oħra minn vettura ta' l-għamla Toyota Toyace, b'numru ta' reġistrazzjoni FTS001, liema serq huwa aggravat bil-mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Luke Orsini u/jew persuni oħra; (2) kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) minn ġewwa Triq Mikiel Calleja, Tarxien, ikkommetta serq ta' nuċċali u/jew oġġetti oħra, minn vettura ta' l-għamla Ssang Yong, b'numru ta' reġistrazzjoni FRG155, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Terence Ciantar u/jew persuni oħra; (3) kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (23:45hrs) minn ġewwa Triq Kent, Fgura, bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura ta' l-għamla Ford Transit, b'numru ta' reġistrazzjoni HBP548, wera b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misrqua u dan għad-detriment ta' Paul Previ u/jew ta' persuni oħra; (4) kif ukoll talli nhar is-16 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (23:45hrs) minn ġewwa Triq Kent, Fgura, bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura ta' l-għamla Toyota Hi Ace, b'numru ta' reġistrazzjoni HVY024, wera b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' Paul Previ u/jew ta' persuni oħra.

Qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija: (5) kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D., b'Digriet mogħti nhar it-8 ta' Marzu 2021, li bih ħa l-ħelsien mill-arrest; (6) u aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Apparte minn hekk, il-Prosekuzzjoni qed titlob sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-pleġġ, ossia garanti, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn, bid-Digriet iktar 'l fuq imsemmi, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex, dejjem f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-ewwel l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[18] iżda, waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021[19], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa tenniha anke wara li l-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' lura minnha.

Wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż iżda mhux limitatament ix-xhieda tal-vittimi f'dawn il-proċeduri, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni in bażi għal liema a ma għandhiex taċċetta l-ammissjoni ta' ħtija da parte ta' l-imputat.

Għaldaqstant kemm fid-dawl tal-provi prodotti kif ukoll a bażi ta' l-ammissjoni da parte ta' l-imputat, il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, fost liema hemm l-imputazzjoni tal-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest konċess lilu b'Digriet datat 8 ta' Marzu 2021 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Masrse-Ann Farrugia LL.D., ossia ftit ġranet biss qabel ma wettaq ir-reati minnu issa ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021.

Għall-finijiet tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat l-Qorti tosserva li llum l-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:* ***Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja***[20]. *(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab*

[18] Fol. 68 tal-proċess.
[19] Fol. 187 tal-proċess.
[20] Enfasi tal-Qorti.

*ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u* ***l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat***[21]. *(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

L-imsemmi artikolu tal-Liġi ġie emendat reċentement, senjatament fl-4 ta' Ġunju 2021, permezz ta' l-Att XXIX tas-sena 2021. B'riżultat ta' dawn l-emendi l-Qorti issa għandha ċerta diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-konfiska tad-depożitu u/jew il-garanzija imposti għall-finijiet ta' ħelsien mill-arrest. Il-Qorti tosserva li għalkemm il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni seħħew qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXIX tas-sena 2021, ladarba issa l-Artikolu 579 jista' jitqies bħala anqas oneruż fuq l-imputat, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li tali emenda għandha tapplika retro-attivament.

Mill-emendi introdotti jirriżulta b'mod ċar li l-leġislatur għamel distinzjoni fid-diskrezzjoni tal-Qorti taħt l-ewwel u taħt it-tieni subartikoli ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, liema provvediment huwa normalment invokat permezz ta' Rikors fil-kors tal-proċeduri li fihom l-imputat ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest, il-Qorti *tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.* Fil-kuntest ta' dan il-provvediment partikolari tal-Liġi, il-Qorti għalhekk tista' tagħmel waħda minn tlett affarijiet: (i) tikkonfiska d-depożitu u/jew il-garanzija fl-intier tagħhom; jew (ii) tikkonfiska parti mid-depożitu u/jew il-garanzija; jew (iii) ma tapplikax il-konfiska.

Meta persuna tkun tressqet taħt arrest akkużata bi jew fost affarijiet oħra bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-provvediment applikabbli huwa dak dispost fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn liema imbagħad jirriżulta li *l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.* Minn dan il-provvediment u bl-użu da parte tal-leġislatur kelma "għandha" jirriżulta li f'tali ċirkostanza l-konfiska tad-depożitu u/jew il-garanzija imposta għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest baqgħet tassattiva u d-diskrezzjoni tal-Qorti hija limitata biss għal jekk tordnax konfiska sħiħa jew inkella parzjali ta' l-ammont

[21] Enfasi tal-Qorti.

tad-depozitu u/jew il-garanzija, u dana skond il-gravità tar-reat, ossia l-gravità tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami.

Fejn tidħol ir-revoka tad-Digriet tal-ħelsien mill-arrest u r-riarrest mill-ġdid ta' l-imputat, dan naturalment jallaċċja mal-gravità tal-ksur tal-kondizzjoni kif ukoll mal-fatt jekk tiġix ordnata o meno l-konfiska intiera jew parzjali tal-garanzija u, fil-fehma tal-Qorti, għad illi forsi tkun konfiska parzjali, jallaċja wkoll mal-portata ta' dik il-konfiska fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jkunu jirrigwardaw dak id-depożitu u/jew garanzija: ossia l-ammont ta' kemm mid-depożitu u/jew garanzija ikun ġie ikkonfiskat u jekk il-garanzija mogħtija kenitx waħda personali jew permezz ta' terz idoneju.

Għaldaqstant, b'referenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska tal-garanzija imposta fid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Marse-Ann Farrugia LL.D., datat 8 ta' Marzu 2021[22], liema garanzija fl-ammont ta' €5,000 hija permezz ta' garanti, u għat-talba ulterjuri għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat, il-Qorti tosserva li l-imputat wettaq ir-reati minnu ammessi f'dawn il-proċeduri fi żmien ġimgħa minn meta ngħata dak id-Digriet **u**, apparte li wettaq reati ta' natura volontarja waqt il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest, huwa evidentement kiser ukoll il-kondizzjoni tar-rinkażar imposta fuqu bid-Digriet imsemmi.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax tqis li l-ksur da parte ta' l-imputat huwa wieħed minimu u ta' importanza żgħira iżda tapprezza l-fatt li l-imputat għaraf li żbalja tant illi spiċċa biex ammetta għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li għandha tiġi ordnata l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta ta' nofs il-garanzija ta' €5,000 imposta bid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 8 ta' Marzu 2021, b'dana għalhekk li tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' €2,500.

In kwantu rigwarda t-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-konsegwenti ri-arrest ta' l-imputat, il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u għalkemm ma ġietx ordnata l-konfiska tas-somma kollha stabbilita bħala garanzija fid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest datat 8 ta' Marzu 2021, liema garanzija fil-fatt ingħatat permezz ta' terz garanti, fermament temmen li f'dan il-każ, fejn l-imputat wera biċ-ċar li ma għandu l-ebda rispett lejn il-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-finijiet ta' ħelsien mill-arrest u lanqas wera wisq rispett lejn t-terz li aċċetta li joqgħod garanti għalih għas-somma ta' €5,000, ma tistax għajr li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat bid-Digriet tat-8 ta' Marzu 2021 u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 289 u 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li fid-dawl tal-provi u fuq

[22] Dok. "SZ5", fol. 21 u 22 tal-proċess.

ammissjoni tiegħu stess, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundannah għal sittax-il (16) xahar priġunerija.

B'referenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija imposta bid-Digriet għall-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Marse-Ann Farrugia LL.D., datat 8 ta' Marzu 2021, liema garanzija fl-ammont ta' €5,000 hija permezz ta' garanti, il-Qorti tordna l-konfiska parzjali ta' tali garanzija, ossia tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €2,500.

In oltre l-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat permezz tad-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Marse-Ann Farrugia LL.D., datat 8 ta 'Marzu 2021, u tordna r-ri-arrest tiegħu.

In fine, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €859.16, rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra f'dawn il-proċeduri ta' John Sacco bħala Espert Tekniku skond Digriet datat 17 ta' Mejju 2021.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**